MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 420/2008

**L-Avukat Andrew Chetcuti Ganado u John Abela bhala stralcjarji f’isem il-kumpannija *Sea Malta Company Limited***

***Versus***

***Carmelo Caruana Company Limited***

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta’ sitta u għoxrin elf, disa’ mija u tmienja u erbgħin Euro u erbgħin ċenteżmu (€ 26,948.40) bilanċ tal-prezz servizzi ta’ ġarr li hija tat lis-soċjetà konvenuta.
Billi għalxejn sejħet lill-konvenuta, ukoll b’ittra uffiċjali tat-2 ta’ April 2006, sabiex tħallas, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas sitta u għoxrin elf, disa’ mija u tmienja u erbgħin Euro u erbgħin ċenteżmu (€ 26,948.40) flimkien ma’ l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-2 ta’ April 2006, u l-imgħax legali.

Is-soċjetà konvenuta, għalkemm notifikata, ma weġbitx fiż-żmien li tagħti l-liġi.
Xehed Joseph Bugeja, li kien *general manager* tas-soċjetà attriċi, u qal illi tassew illi l-konvenuta fadlilha tħallas daqskemm mitlub fir-rikors. Din ix-xiehda b'ebda mod ma ġiet kontradetta.
Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriiċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' sitta u għoxrin elf, disa' mija u tmienja u erbgħin Euro u erbgħin ċenteżmu (€ 26,948.40) flimkien ma' l-imgħaxijiet legali mitluba fir-rikors u l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------